**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 23**

**Data:** **18 ta' Novembru 2025**

**Hin:** **9.00am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Dr. Lisa Marie Brooke* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

## AGENDA

23.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

23.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

23.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

23.5 Korrispondenza u Rapporti;

23.6 Attivitajiet;

23.7 Progetti u Xogholijiet;

23.8 Offerta' – GRB05-2025;

23.9 Ftuh ta' Triq Tumas Cassar;

23.10 Materji ohra;

23.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

**23.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

23.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

**23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

23.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**23.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

23.3.1 Is-Sindku qal li fl-laqghat precedenti, l-Kunsill kien iddiskuta l-possibilita' li jkollu trakk tieghu ghal uzu tal-haddiema. Gie spjegat li instab trakk idejali li huwa kbir bizzejjed biex anke jintuza ghas-servizzi tal-iskart goff peress li t-trakk li qed jintuza fil-prezent huwa ta' wiehed mill-haddiema u hafna drabi qed ikunu mghoddi izzejjed tant li l-haddiema gew avvicinati minn ufficjali tal-pulizija u LESA. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni fejn qabel li ghandu jinxtara tali trakk ghall-Kunsill.

23.3.2 Is-Sindku fakkar li dan il-weekend ser ikun hemm l-Opra u talab lill-Kunsilliera min ser jattendi. Joseph Mizzi u Lisa Marie Brooke Brooke ikkonfermaw li ser jattendu filwaqt li Tonio Mifsud qal li ser ikun imsiefer. Gie spjegat li l-opra tista' ssir barra jew inkellha gewwa jiddependi skond it-temp.

Fil-gurnata tas-Sibt ser ikun hemm Make Music Great fejn il-Kunsill qabel li waqt din is-serata jkun hemm ikla mic-Centru li n-nies ihallsu ghalija. Dan ser ikun segwit bil-girja l-Hadd filghodu l-Herbs festival.

**23.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

23.4.1 Gew trattati s-segwenti mistoqsijiet minghand Joseph Mizzi:

Mistoqsija Nru 1. – Qed nibghat sabiex tigi diskussa proposta dwar attivita' sportive li tista' tittella' anke bejn il-Kunsill Lokali u ghaqda lokali, ghad-dilettanti tal-loghba tal-billiard, fejn jistghu jingabru fundraising mill-entry fee ta' kull participant, u tkun tista' tibqa' tigi organizzata bhala attivita' annwali – Is-Sindku qal li huwa jaqbel ma' dan is-suggeriment u dan jista' jsir gewwa l-ARB Complex. Huwa zied jghid li hemm grupp li jorganizzaw board games u dan jista' jigi kkuntatjat u jigu introdotti dan it-tip ta' loghob gewwa l-kumpless iniffsu fejn wahda minnhom tista' tkun il-billiard. Joseph Mizzi qal li din tista' ssir anke in konessjoni ma' attivita' ohra tipo c-Charity Ride' sabiex tkun bhala fund raising. Il-Kunsill kompla jiddiskuti u qabel li ghandu jesplora din il-possibilita' li jigu organizzati dan it-tip ta' loghob.

Mistoqsija Nru 2. – Xtaqt nistaqsi x'irrizulta mill-ahhar tender li hareg il-Kunsill Lokali dwar ix-xoghol ta' kostruzzjoni. – Gie ipprezentat ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-offerta tal-kostruzzjoni fejn gie spjegat li kien hemm zewg

offerenti. Il-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport u qabel li ghandha tinghata lill-irhas offerent. Il-Kunsill qabel ukoll li l-Expression of interest li giet diskussa precentament xorta ghandha tinhareg.

Mistoqsija Nru 3 – Hemm xi partijiet minn hitan fi Triq Madonna tal-Virtu li wara x-xita waqghu xi gebel minnhom. Dak ix-xoghol irid isir mill-haddiema tal-Kunsill jew minn sid l-ghalqa? Is-Sindku qal li dan ser jitella' mall-hitan l-ohra u kkonferma li hajt ta' din ix-xorta suppost itellghu s-sid stess.

23.4.2 Joseph Mizzi staqsa dwar offerta ohra li hemm fuq is-suq fejn is-Sindku spjega li peress li l-Kunsill ma setghax ikollu NGO tieghu inhareg offerta' ghac-child carers. Dan anke ghall-fatt li ma setghux ikunu *self employed* kif qeghdin fil-prezent. Permezz ta' din l-offerta' l-Kunsill ser ikun qieghed jixtri servizz minghand kumpaniji. Il-Kunsill qabel ma' din l-offerta'.

23.4.3 Tonio Mifsud issguerixxa sabiex fi Triq l-Isqof M. Molina fil-kantuniera tigi installata tabella li qed jaqsmu l-qtates. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

23.4.4 Joseph Mizzi semma l-hajt ta' Triq Birbuba li qed izomm mall-hajt fejn gie spjegat li dan il-hajt qieghed fil-lista' tal-hitan li ghandhom jitrangaw mill-haddiema tal-Kunsill.

**23.5 Korrispondenza u Rapporti**

23.5.1 Giet trattata korrispondenza mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsill gie infurmat dwar l-allokkazjoni tas-sena d-diehla. Is-Sindku ta spjegazzjoni taghha u qal li l-Kunsill jista' jkoll japplika ghall-aggustament ta' €7000. Gie spjegat li mis-sena l-ohra l-hawn jidher li hemm zieda pero' hemm klawsola numru 3 li qed tirreferi ghall-fondi ta' skart li fir-realta' dawn jinghataw lir-Regjun.

23.5.2 Is-Sindku rrefera ghall-iskart fejn informa lill-membri li ser ikun qed jitqassam avviz fir-rigward tal-iskart fejn dan ser jingabar biss jekk ikun fil-borza appropjata u mhux go tip ta' boroz iehor. L-istess japplika ghall-borza l-griza fejn dan ser jingabar biss jekk ikun fil-borza u kartun barra mill-borza mhux ha jingabar. Dan ghar-raguni li l-kuntrattur gie immultat ghax kien qed jigbor mhux gol-borza kif suppost. Il-Kunsill qabel li ghandha tigi imqassma nota fir-resident f'dan ir-rigward.

23.5.3 Giet trattata korrispondenza fir-rigward ta' *personalised parking* fi Triq l-Arcipriet Gamri Camilleri fejn dan ma giex accettat.

23.5.4 Giet trattata korrispondenza fir-rigward tas-sistema tal-permessi fejn din is-sistema li sal-gurnata kienet b'xejn ser tibda' tkun bil-hlas. F'Kunsill fejn ma jinhargux aktar minn 1000 permess f'sena l-mizata ser tkun ta' €2000. Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill ikollu Sistema tieghu li tkun mahduma ghalih fejn ikollha anke mezzi kif meta jinhareg permess awtomiktament tibghat email lill-awtoritajiet ikkoncernati. Din tkun tista' tinkorpora ukoll Sistema li jinhargu

ircevuti kif inhi fil-prezent. Il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg talba ghall-kwotazzjonijiet.

Is-Sindku qal li ghac-centru ghandu bzonn ssir software ukoll sabiex ma jibqghux jahdmu b'mod manwali u fih jinkorpora kemm hemm tfal fic-centru. Dan is-software ikollu l-possibilita' ukoll li jkun hemm komunikazzjoni mall-genituri. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni fejn qabel li ghandu jmexxi b'dan is-software ghall-gid tac-centru stess.

23.5.5 Gew trattati s-segwenti applikazzjoni tal-awtorita' tal-ippjanar:

PA/07099/25 u PA/07275/25.

**23.6 Attivitajiet**

23.6.1 Attivitajiet li ser isiru huma dawk tal-weekend li gej segwiti bl-attivitajiet tal-Milied.

Is-Sindku qal li l-program tal-Milied li gie imfassal jinkludi band fl-14 ta' Dicembru u *entertainment* ghat-tfal. Tonio Mifsud staqsa jekk jingabux annimali fejn is-Sindku qal li dan ikun tajjeb ghal mac-Circus. Is-Sindku ssugerixxa sabiex dan isir gewwa c-Centru Parrokkjali u tithallas donazzjoni zghira ghall-entratura. Fid-19 ta' Dicembru ser issir l-attivita' tas-Singing Christmas Tree. Il-bqija tal-program jippendeni anke mill-ammont ta' fondi li ser jircievi l-Kunsill min-naha tal-Ministeru ghal Ghawdex u mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Gie suggerit ukoll sabiex fis-26 ta' Dicembru wara l-purcissjoni tal-bambin tigi mistiedna l-band ta' Johnny Cash. Lisa Marie Brooke u Tonio Mifsud issugerew sabiex iz-zghazagh jigbru l-fondi bil-karusi waqt din l-attivita' peress li din tkun il-gurnata tal-istrina u dawn il-fondi jmorru ghal Community Chest Fund. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni fejn qabel mall-program kif suggerit.

**23.7 Progetti u Xogholijiet**

23.7.1 Is-Sindku qal li Triq San Katald li kienet parti mill-progett taht M4.3 hija lesta u bhala progett maghluq ukoll.

23.7.2 Giet imsemmija Triq Tumas Cassar fejn gie spjegat li l-cable tad-dawl hija lest u baqa' li jigi kkomunikat. Issa rridu nikkomunikaw il-pool ukoll.

23.7.3 Bhala lift huwa lest ukoll u li ghad baqa' huwa l-gypsum.

23.7.4 Gie spjegat li ghall-bankini ta' Triq Tumas Cassar s'issa ma kienx hemm approvazzjoni ta' fondi ghalihom. S'issa mill-fondi disponibbli hemm biex issir l-ewwel wicc tat-triq. Il-Vici Sindku qal li l-bankini fejn hemm is-sigar huma mkissrin. Is-Sindku qal li dawn jistghu jitrangaw kif possibli bil-haddiema tal-Kunsill stess.
Joseph Mizzi staqsa liema triq tkun tmiss wara din fejn is-Sindku ssugerixxa sabiex l-ahjar Triq Albert W. Ketelby u wara Triq Albert Caruana. Huwa qal li

dawn iz-zewg toroq fil-lista. Il-Vici Sindku staqsa dwar Triq Albert W. Ketelby jekk is-servizzi humiex kollha lesti fejn is-Sindku ikkonferma li dawn huma lesti u li ghad baqa' biss servizz wiehed.

23.7.5 Is-Sindku issugerixxa sabiex l-ismijiet tat-toroq jinbidlu u jsiru kollha l-istess peress li fil-prezent hemm minnhom miksurin u ohrajn differenti u mhux qed jaghtu dehra sabiha lill-post. Huwa ssugerixxa sabiex tinhareg offerta ghal dan ix-xoghol li jinkludi disinn u provvista.

**23.8 Offerta' – GRB05-2025**

23.8.1 L-offerti gew imsemmija aktar kmieni waqt il-laqgha fejn, il-Kunsill iddecieda li tinghata li l-orhos offerta sottomessa.

**23.9 Ftuh ta' Triq Tumas Cassar**

23.9.1 Is-Sindku spjega li ARB Complex kien wasal issa fl-ahhar xogholijiet sabiex jinghataw diversi servizzi minn dan il-post. Huwa qal li l-Kunsill qieghed f'diskussjonijiet mall-ERRC fejn dawn kienu offrew rata bis-siegha sabiex jkunu prezenti waqt li l-pool tkun qed tinfetah ghan-nies min-naha tal-Kunsill u jkunu hemm f'kaz ta' emergenza. Apparti dan irid ikun hemm l-attendant meta jinfetah mill-Kunsill dirett peress li meta jkun hemm il-gruppi jiehu hsieb kollox huma. Is-Sindku qal li fil-prezent il-post qed jintuza ukoll ghas-sezzjonijiet tal-Pilates u hemm anke talbiet biex jintuza ghal facilitajiet ohra. Lisa Marie Brooke staqsiet x'ser isir mill-hajt fejn hemm il-kantuni fejn gie spjega li hemm suggeriment sabiex ikun climbing wall. Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu applikazzjoni sabiex isir restawr tal-hajt ukoll. Il-Vici Sindku qal li jista' jsir anke graffiato u s-Sindku ssugerixxa ukoll li jista' jsir ritratt panorama tal-Gharb fuq canvas fejn din ma tigix tiswa tant flus. Tkompliet id-diskussjoni ta' kif jista' jigi zviluppat fejn il-Kunsill qabel li ghandu jerga' jiddiskuti din il-materja.

23.9.2 Fir-rigward tal-Opening, is-Sindku staqsa jekk ghandux isir qabel il-Milied jew wara f'Jannar. Il-Kunsill qabel li ghandu jkun hemm il-pool tahdem u ghandu jsir f'Jannar fejn jigu mistiedna l-Ministri u jekk possibli jsir l-inawgurazzjoni tal-progett tal-panelli ukoll. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jinbeda x-xoghol fuq l-Astronomy Park.

**23.10 Materji ohra**

23.10.1 L-iskeda tal-Pagamenti gie approvata.

23.10.2 Il-Kunsill qabel li l-ikla tal-Milied ghandha ssir il-Gimgha 28 ta' Novembru, 2025.

**23.11 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

23.11.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 16 ta' Dicembru, fid-9.00am.

23.11.2 Il-laqgha spiccat fil-10.06am

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv